

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 296

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

13 ta' Novembru 2010

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1021/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Peperone di Pontecorvo (DPO)]** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1022/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 li jawtorizza żieda tal-limiti għall-arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fl-2010 f'ċerti żoni tat-tkabbir tad-dwieli** 3
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1023/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Jambon de l'Ardèche (IĠP)]** 5
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1024/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Farine de châtaigne corse/Farina castagnina corsa (DPO)]** 7
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1025/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Kalix Löjrom (DPO)]** 9
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1026/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 li jiffissa perċentwali uniku għall-aċċettazzjoni tal-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, dwar l-applikazzjonijiet għall-primjum għall-qluġ tad-dwieli għas-sena tal-għasra 2010/2011** 11

Prezz: 3 EUR

(Ikompili fil-paġna ta' wara)
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1027/2010 tal-11 ta' Novembru 2010 li jemenda għall-139 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban	13
Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1028/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix	15
Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1029/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11	17



II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1021/2010

tat-12 ta' Novembru 2010

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Peperone di Pontecorvo (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mill-Italja biex id-denominazzjoni "Peperone di Pontecorvo" tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 78, 27.3.2010, p. 13.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem imniżżla fl-Anness I għat-Trattat:

Klassi 1.6: Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

L-ITALJA

Peperone di Pontecorvo (DPO)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1022/2010**tat-12 ta' Novembru 2010****li jawtorizza żieda tal-limiti għall-arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fl-2010 f'ċerti żoni tat-tkabbir tad-dwieli**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 121 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Punt A.3 tal-Anness XVa għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovi li l-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-limiti ta' żieda tas-saħħa alkoħolika (arrikkiment) ta' nbid bil-volum, jiżdiedu b'sa 0,5 % fis-snin meta l-kundizzjonijiet klimatiċi jkunu eċċezzjonalment ħżiena.
- (2) Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja u r-Renju Unit talbu dawn iż-żidiet tal-limiti ta' arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fis-sena 2010, hekk kif il-kundizzjonijiet klimatiċi matul l-istaġun tat-tkabbir kienu eċċezzjonalment ħżiena f'ċerti reġjuni ġeografiċi.
- (3) Minħabba t-temp eċċezzjonalment ħażin fl-2010, il-limiti fuq iż-żidiet tas-saħħa alkoħolika naturali stabbiliti fil-punt A.2 tal-Anness XVa għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ma jippermettux il-produzzjoni ta' nbid b'total ta' saħħa alkoħolika xieraq f'ċerti reġjuni li jkabbiru d-dwieli u li għalih normalment ikun hemm talba fis-suq.

(4) Huwa għalhekk xieraq li tiġi awtorizzata żieda tal-limiti għall-arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fl-2010 f'ċerti reġjuni tat-tkabbir tad-dwieli.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-reġjuni ġeografiċi msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament, b'deroga mill-punt A.2 tal-Anness XVa għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, iż-żieda bil-volum fis-saħħa alkoħolika naturali ta' għeneb frisk maħsud fis-sena 2010, most tal-għeneb, most tal-għeneb fil-fermentazzjoni, inbid ġdid li jkun għadu fil-proċess ta' fermentazzjoni u nbid li ġie prodott mill-għeneb maħsud fis-sena 2010, ma għandhomx jaqbu l-limiti li ġejjin:

- (a) 3,5 % volum fiż-żona A tat-tkabbir tad-dwieli msemmija fl-appendiċi tal-Anness Xlb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007,
- (b) 2,5 % volum fiż-żona B tat-tkabbir tad-dwieli msemmija fl-appendiċi tal-Anness Xlb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007,
- (c) 2,0 % volum fiż-żona C I tat-tkabbir tad-dwieli msemmija fl-appendiċi tal-Anness Xlb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

ANNEX

Reġjuni ġeografiċi fejn żieda fil-limitu ta' arrikkiment hi awtorizzata skont l-Artikolu 1

L-Istat Membru	Reġjuni ġeografiċi (żona tat-tkabbir tad-dwieli)
Il-Belġju	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona A)
Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żoni A u B)
Id-Danimarka	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona A)
Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żoni A u B)
L-Ungerija	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona C I)
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona A)
L-Awstrija	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona B)
Il-Polonja	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żona A)
Is-Slovenja	Podravje u Posavje (żona B)
Is-Slovakkja	Ir-reġjuni kollha tat-tkabbir tad-dwieli (żoni B u C I)
Ir-Renju Unit	L-Ingilterra, Wales (żona A)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1023/2010**tat-12 ta' Novembru 2010****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Jambon de l'Ardèche (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba li għamlet Franza biex id-denominazzjoni "Jambon de l'Ardèche" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Ma kien hemm ebda oġġezzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006; din id-denominazzjoni għandha għalhekk tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni li tidher fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 76, 25.3.2010, p. 36.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

Il-kategorija 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajjar, immellaħ, affumikat, eċċ.)

FRANZA

Jambon de l'Ardèche (IĠP)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1024/2010**tat-12 ta' Novembru 2010****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Farine de châtaigne corse/Farina castagnina corsa (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni ta' Franza għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Farine de châtaigne corse/Farina castagnina corsa" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽²⁾.

- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 78, 27.3.2010, p. 7.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem imniżżla fl-Anness I għat-Trattat

Klassi 1.6 – Frott, ħaxix u ċereali friski jew ipproċessati

FRANZA

Farine de châtaigne corse/Farina castagnina corsa (DPO)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1025/2010**tat-12 ta' Novembru 2010****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Kalix Løjrom (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba li għamlet l-Isvezja biex id-denominazzjoni "Kalix Løjrom" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Ma kien hemm ebda oġġezzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006; din id-denominazzjoni għandha għalhekk tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni li tidher fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 74, 24.3.2010, p. 17.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

Il-kategorija 1.7. Ħut frisk, molluski u krostaċċi friski u prodotti derivati minnhom

L-ISVEZJA

Kalix Løjrom (DPO)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1026/2010

tat-12 ta' Novembru 2010

li jiffissa perċentwali uniku għall-aċċettazzjoni tal-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, dwar l-applikazzjonijiet għall-primjum għall-qluġh tad-dwieli għas-sena tal-għasra 2010/2011

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 85s(4) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-applikazzjonijiet eliġibbli li l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ottubru 2010 skont l-Artikolu 85s(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jaqbżu l-baġit massimu ta' kull sena tal-iskema għall-qluġh tad-dwieli għas-sena tal-għasra 2010/2011, jiġifieri EUR 276 miljun, kif stipulat fl-Anness Xd għal dak ir-Regolament. Għalhekk, għandu jiġi ffixxat perċentwali uniku għall-aċċettazzjoni tal-ammonti nnotifikati b'mod effettiv.
- (2) Il-Lussemburgu kkomunika, skont l-Artikolu 85s(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, applikazzjonijiet eliġibbli għal żona iżgħar minn 50 ettaru; għalhekk huwa eżentat mill-applikazzjoni għal perċentwali uniku għall-aċċettazzjoni skont l-Artikolu 71(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur tal-inbid ⁽²⁾.

(3) Għal raġuni ta' ċarezza huwa xieraq li tiġi indikata wkoll analiżi statistika għal kull Stat Membru kkonċernat tal-baġit ta' kull sena allokata għall-iskema għall-qluġh tad-dwieli.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1092/2009 ⁽³⁾ li jiffissa perċentwal uniku għall-aċċettazzjoni tal-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, dwar l-applikazzjonijiet għall-primjum għall-qluġh tad-dwieli ma baqax jgħodd fl-aħħar tas-sena tal-għasra 2009/2010. Għal din ir-raġuni, għandu jiġi mibdul b'Regolament ġdid.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Applikazzjonijiet għall-qluġh tad-dwieli nnotifikati lill-Kummissjoni għas-sena tal-għasra 2010/2011 skont l-Artikolu 85s(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom jiġu aċċettati għal 59,622 % tal-ammonti koperti minn dawk l-applikazzjonijiet.

Il-limiti tal-baġit għall-Istati Membri kkonċernati huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika għas-sena tal-għasra 2010/2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1

⁽³⁾ ĠU L 299, 14.11.2009, p. 8.

ANNEX

Limiti tal-baġit għall-Istati Membri għall-ħlasijiet għall-qlugħ tad-dwieli fis-sena tal-għasra 2010/2011

(EUR)

Stat Membru	Baġit tal-iskema għall-qlugħ tad-dwieli
Il-Bulgarija	321 903
Il-Ġermanja	484 487
Il-Greċja	3 600 607
Spanja	127 975 516
Franza	36 911 723
L-Italja	81 968 012
Ċipru	2 405 145
Il-Lussemburgu	3 150
L-Ungerija	13 572 662
L-Awstrija	1 495 718
Il-Portugall	3 610 683
Ir-Rumanija	2 784 554
Is-Slovenja	458 581
Is-Slovakkja	407 259

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1027/2010

tal-11 ta' Novembru 2010

li jemenda għall-139 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 7(1)(a) u 7a(1) ⁽²⁾ tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fl-4 ta' Novembru 2010, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid

żewġ persuni naturali mil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi.

(3) Għaldaqstant l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu jiġi aġġornat skont dan.

(4) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,
Karel KOVANDA
Aġent Direttur Ġenerali
għar-Relazzjonijiet Esterni

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

⁽²⁾ L-Artikolu 7a ddaħħal mir-Regolament (UE) Nru 1286/2009 (ĠU L 346, 23.12.2009, p. 42).

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom jiddaħħlu taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi":

- (a) Agha Jan **Alizai** (magħruf ukoll bħala (a) Haji Agha Jan Alizai (b) Hajji Agha Jan (c) Agha Jan Alazai (d) Haji Loi Lala (e) Loi Agha). Titlu: Haji. Data tat-twelid: (a) 15.10.1963, (b) 14.2.1973, (c) 1967, (d) bejn wieħed u ieħor 1957. Post tat-twelid: (a) Hitemchai Village, Helmand Province, l-Afganistan, (b) Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 4.11.2010.
 - (b) Saleh Mohammad **Kakar** (magħruf ukoll bħala Saleh Mohammad). Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor fl-1962. Post tat-twelid: Nulgham Village, Panjwai District, Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Tagħrif ieħor: Kien proprjetarju ta' negozju tal-karozzi f'Kandahar, l-Afganistan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 4.11.2010.
-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1028/2010**tat-12 ta' Novembru 2010****li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Novembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	75,8
	MA	98,7
	MK	54,8
	ZZ	76,4
0707 00 05	AL	68,6
	EG	161,4
	TR	149,9
	ZZ	126,6
0709 90 70	MA	94,7
	TR	148,8
	ZZ	121,8
0805 20 10	MA	79,7
	ZA	145,6
	ZZ	112,7
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	HR	45,5
	TR	61,2
	UY	55,0
	ZZ	53,9
0805 50 10	AR	57,1
	EC	92,5
	TR	67,7
	UY	59,2
	ZA	109,5
	ZZ	77,2
0806 10 10	BR	229,4
	PE	182,7
	TR	153,3
	US	260,4
	ZA	79,2
	ZZ	181,0
0808 10 80	AR	75,7
	CA	73,1
	CL	84,2
	CN	82,6
	MK	27,2
	NZ	102,0
	US	96,5
	ZA	96,2
ZZ	79,7	
0808 20 50	CN	54,9
	ZZ	54,9

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1029/2010**tat-12 ta' Novembru 2010****li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet

għas-sena tas-suq 2010/11 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 867/2010 ⁽³⁾. Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1019/2010 ⁽⁴⁾.

- (2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fidejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Novembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 259, 1.10.2010, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 293, 11.11.2010, p. 46.

ANNEX

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-13 ta' Novembru 2010

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 11 10 ⁽¹⁾	61,06	0,00
1701 11 90 ⁽¹⁾	61,06	0,00
1701 12 10 ⁽¹⁾	61,06	0,00
1701 12 90 ⁽¹⁾	61,06	0,00
1701 91 00 ⁽²⁾	57,71	0,16
1701 99 10 ⁽²⁾	57,71	0,00
1701 99 90 ⁽²⁾	57,71	0,00
1702 90 95 ⁽³⁾	0,58	0,18

⁽¹⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽²⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽³⁾ Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrozzju.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġhti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

